MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 196/2007

**Il-Pulizija**

**v**

**Sigismondo Mifsud**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Sigismondo Mifsud talli fix-xhur ta' Novembru 2006, Dicembru 2006 u Jannar 2007, cioe` 12 ta' Novembru 2006 sa 12 ta' Dicembru 2006 sa 12 ta' Jannar 2007, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiskru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, naqas li jaghti l-manteniment dovut lil martu Salvina Mifsud ghaliha u ghaz-zewg uliedha Roderick u Elmar fis-somma ta' Lm30 fil-gimgha kif stipulat fid-digriet nru 5/98;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Mejju 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-

imsemmi Sigismondo Mifsud hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu xahrejn prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Sigismondo Mifsud, minnu ppresentat fis-17 ta’ Mejju 2007 li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew altrimenti r-rforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluza n-nota ta’ l-Avukat Dott. Angelo Farrugia tat-18 ta’ Settembru 2007 u l-kopja tac-cedola ta’ depozitu tas-17 ta’ Settembru 2007; semghet il-provi – konsistenti f’xhud wahda, Salvina Mifsud – u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-14 ta’ Settembru 2007;

Ikkunsidrat:

L-appellant jillanja illi hu ma setax jinstab hati skond l-imputazzjoni peress illi d-digriet li jissemma’ fl-imputazzjoni, li nghata fl-1998, kien jinkludi manteniment ghal tfal li llum saru maggorenni. Dana l-aggravju hu infondat. Ir-reat in kwistjoni – kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku – hu intiz primarjament biex jittutela l-awtorita` tal-qorti li tkun emanat id-digriet, jew l-awtorita` ta’ att pubbliku – il-kuntratt – li bih ikunu ntrabtu l-partijiet. Huwa mmaterjali kemm kellu jithallas manteniment f’dan il-kaz. In effetti jidher li fiz-zmien inkriminat, l-ammont dovut mill-appellant kien fil-fatt ta’ Lm20 lira fil-gimgha – Lm10 liri ghal martu u Lm10 liri ghall-uniku tifel li ghadu minorenni (originarjament il-minuri kienu tlieta u s-Sekond Awla kienet ordnat il-hlas ta’ manteniment ta’ Lm30 fil-gimgha ghalihom it-tlieta). Mill-provi, pero`, jirrizulta li l-appellant <u>anqas dan l-ammont ridott ma offra ghax-xhur imsemmija fic-citazzjoni</u>. Kien biss fl-udjenza msemmija tal-14 ta’ Settembru 2007 li, tramite l-Avukat tieghu, l-appellant offra li jhallas l-ammont ridott. Dan l-ammont jirrizulta li gie depozitat il-Qorti peress li Salvina Mifsud irrifjutat dan l-ammont. Dan kollu, pero`, ftit li xejn jincidi fuq il-meritu ta’ l-appell. Din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, ma tistax tippermetti li xi hadd l-ewwel jibqa’ jinjora kompletament <u>u ripetutament</u> l-ordni tal-qorti kompetenti (bla ma anqas jitlob varjazzjoni jew kjarifika tieghu jekk huwa deherlu li l-ammont kollu ma kienx dovut) biex

imbaghad, kwazi tmien xhur wara, u meta jkollu sentenza ta’ prigunerija mdendla fuq rasu, jidher quddiem din il-Qorti u joffri li jaghmel pagament. Dan ma hu xejn ghajr strumentalizzar tal-process gudizzjarju.

Kwantu ghall-piena, l-appellant jghid li hu ma setax ihallas il-manteniment ghax kien il-habs. Mill-fedina penali aggornata ta’ l-appellant ezibita fl-ahhar udjenza jirrizulta li fiz-zminijiet recenti l-unika darba li huwa kien il-habs kien wara sentenza ta’ din il-Qorti, diversament presjeduta, tad-9 ta’ Marzu 2007 li kkundannatu xahar detenzjoni – u dan ghax ma kienx hallas manteniment ghax-xhur ta’ Lulju u Awissu 2006! Il-fedina penali tal-appellant fiha xejn anqas minn erbatax-il kundanna talli naqas li jhallas manteniment kif ordnat mill-Qorti kompetenti. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara li ghandha tvarja assolutament xejn minn dak deciz mill-Qorti Inferjuri.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------